**162. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl- Ordnijiet Permanenti tal- Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura matul ix-xahar ta' Lulju 1989.

Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis ukoll. isir xogħol biss tal-Gvern.

Illi meta l-Kamra tiltaqa' fil-għodu, hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m. u mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministru mhux aktar tard mid-9.30 a.m. u l-ħin ta' l- interruzzjoni tax-xogħol ikun in-12.00 a.m.

Illi żewġ seduti jisdtgħu jinżammu fl-istess ġurnata, waħda fil-għodu u l-oħra wara nofs in-nhar ta' l-istess ġurnata.

Illi aktar minn stadju wieħed jista' jittieħed fl-istess seduta, fuq kull wieħed mill-Abbozz ta' Liġi.

Illi l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu fi kwalunkwe stadju fuq abbozz ta' liġi kemm dawk imsemmija hawn taħt, kif ukoll oħrajn li jitressqu fl-istess xahar ta' Lulju, 1989, kif ukoll fuq kull Riżoluzzjoni, dawn għandhom jittieħdu fil-ħin ta' l-interrruzzjoni tax- xogħol tas-Seduta li fiha jkunu ntalbu, billi jekk f'dan il-ħin jerġgħu jintalbu, l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti minn dan il- ħin, u l-votazzjonijiet l- oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

Illi għall-Abbozzi ta' Liġi segwenti u fiq ir-Riżoluzzjonijiet hawn indikati:-

A. Fuq l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Abbozz Nru 51) id- diskussjoni fuq it-Tieni Qari ma għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda, u d-diskussjoni fil-Kumitat u t-Tielet Qari ma għandhomx jieħdu aktar minn seduta waħda.

B. Fuq l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income (Abbozz Nru 81) id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ma għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti, u d-diskussjoni fil-Kumitat u t-Tielet Qari ma għandhomx jieħdu aktar minn seduta waħda.

C. Fuq l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kodiċi Kriminali (Abboz Nru 60) il-Kontinwazzjoni tad-diskussjoni fil- Kumitat u t-Tielet Qari ma għandhomx jieħdu aktar minn seduta waħda.

D. Fuq l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Inġustizzji (Abbozz Nru 79) id-diskussjoni fil- Kumitat u t-Tielet Qari ma għandhomx jieħdu aktar minn seduta waħda.

E. Fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta (Abbozz Nru 58) id- diskussjoni fuq it-Tieni Qari ma għandhiex tieħu aktar minn tlett seduti u d-diskussjoni fil-Kumitat u t-Tielet Qari ma għandhomx jieħdu aktar minn żewġ seduti.

F. Illi d-diskussjoni fuq ir-Riżoluzzjonijiet hawn taħt indikati ma għandhiex tieħu aktar minn siegħa għal kull waħda:

(i) Riżoluzzjoni skond l-Artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern.

(ii) Riżoluzzjoni biex ikompli jkun modifikat il-kuntratt bejn il-Gvern u l-Holiday Services Company Limited dwar il-korp ta' bini magħruf bħala St. Julian's Court, San Ġiljan.

(iii) Riżoluzzjoni dwar għoti tal-fortizza ta' Pembroke lil Verdala International School Foundation.

(iv) Riżoluzzjoni dwar trasferiment "tale quale" b'titolu ta' tpartit ta' art għal kumpens relattiv kif definit bl-artikolu II ta' l-Att I tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini.

(v) Riżoluzzjoni dwar bejgħ tal-fond 56/57 Triq Markis Scicluna, Naxxar, lis-Soċjeta' tal-Ġiswiti.

Illi fid-diskussjonijiet kollha fuq dawn l-Abbozzi ta' Liġi u fuq ir-Riżoluzzjonijiet imsemmija hawn fuq, kif ukoll għall- Abbozzi ta' Liġijiet u riżoluzzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu quddiem il-Kamra, il-ħin għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema ta' l- Oppożizzjoni, bil-winding- up għall-Gvern fil-każ tat-Tieni Qari ta' kull Abbozz ta' Liġi u fil-każ ta' kull Riżoluzzjoni.

Illi fl-aħħar seduta mħollija għal kull wieħed minn dawn l-Abbozzi ta' Liġi, kif ukoll oħrajn li jistgħu jitressqu matul ix-xahar ta' Lulju, 1989, fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn, biex l-Abbozz ta' Liġi jgħaddi mill-bqija ta' l-istadji tiegħu kollha f'dik is-seduta, iżda anke meta jkun jista' jressaq emendi, klawżoli u skedi ġodda mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-mistoqsija fuq emendi, klawżoli, klawżoli ġodda, mingħajr avviż, skedi u jew skedi ġodda, mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni.

28.06.1989